*Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali*

*Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)*

***Drogi 225/01***

***Pulizija***
***Sp. Josric Mifsud***
***v***
***Noel Bugeja***

Illum 21 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***
Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputt Noel Bugeja huma bazati fuq is-segwenti reati: **Traffikar** tar-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis – aggravat bid-distanza;  u **Pussess Illegali (semplici)** tal-istess sustanza – *rifferibbilment ghas-6 ta' Ottubru 2001 u f' dawn l-ahhar xhur.*

***Kwadru tal-fatti***
Illi fuq informazzjoni anonima li l-pulizija rceviet fis-6 ta' Ottubru 2001 u li kienet fis-sens li go hanut *"kien hemm pesuna li qieghda tiehu d-droga" (Deposizzjoni Sp.Josric Mifsud),* il-pulizija ghamlu inkursjoni fil-fond indikat fejn sabet lill-imputat u zaghzugh iehor.  Irrizulta li l-imputat jigi t-tifel ta' sid il-hanut, mentri z-zaghzugh l-iehor kien impjegat mieghu.

Illi fil-pussess tal-imputat il-pulizija sabet bicca raza zghir tal-cannabis li dan pprova jarmi kif dahhlu l-pulizija, izda ma rnexxielux.  Fil-pussess taz-zaghzugh l-iehor ukoll sabu bicca raza zghira mehuda mill-istess pjanta.

Illi z-zewg persuni ammettew li r-raza li nstabet fil-pussess taghhom kienet tappartjeni lilhom, u ammettew wkoll li huma jabbuzaw minn din it-tip ta' sustanza bil-konsum.

Illi fl-istqarrija tieghu lill-pulizija u li hu kkonferma bil-gurament quddiem l-Magistrat Inkwirenti, z-zaghzugh l-iehor qal li huwa gieghli xtara din id-droga minghand Noel Buttigieg. Minn naha tieghu l-imputat cahad li huwa kien biegh droga u cahad kategorikament kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija kif ukoll fid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi fl-ewwel lok l-Qorti tirrileva li l-prova-bazi li fuqha l-prosekuzjoni qieghda sserrah il-kaz taghha hija l-istqarrija tal-zaghzugh fuq indikat, id-deposizjoni quddiem il-Magistrat Inkwirenti u x-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Fi kliem iehor il-kaz tal-prosekuzjoni jistrih fuq dak li allega dan iz-zaghzugh fl-istqarrija tieghu.

Illi in propositu l-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tghati affidament ghal dak li allega dan iz-zaghzugh fl-atti tal-inkjesta Magisterjali.

Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Il-**komportament ta' dan ix-xhud** fuq il-pedana tax-xhieda;
2. Il-**mod evasiv kif rrisponda** uhud mid-domandi li sarulu fid-deposizjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti;

3. **L-inkonsistenzi** bejn dak li allega fl-istqarrija u kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, u dak li sostna fix-xhieda tieghu fejn qal li d-droga ma kienx jixtriha minghand l-imputat izda kienu jixtriha flimkien mal-imputat.

Minn naha l-ohra hemm il-versjoni kategorika u konsistenti tal-imputat.

Dawn il-fatturi fil-fehma tal-Qorti huma sufficjenti sabiex jiggeneraw dubbju ragjonevoli fil-konfront tal-imputat.

Izda inoltre l-Qorti tirrileva li hemm cirkostanza ohra li tkompli ddghajjef serjament il-kaz tal-prosekuzzjoni. Din hi d-diskrepanza fl-isem tal-allegat fornitur tad-droga indikat kemm fl-istqarrija taz-zaghzugh kif ukoll fid-deposizjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Minn imkien f' dawn l-elementi ta' prova ma jidher isem l-imputat. L-uniku isem li gie indikat huwa dak ta' Noel Buttigieg, filwaqt li l-imputat jismu Noel Bugeja. L-isem Noel Buttigieg issemma fl-istqarrija, u gie ribadut fid-deposizjoni quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

***Konkluzjoni***

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li, filwaqt li l-akkuza bazata fuq ir-reat ta' Pussess Illegali (semplici) tar-raza tissussisti; il-kumplament tal-akkuzi ma jreggux fuq karenza ta' prova sodisfacenti.

***Piena***

Illi in propositu ghall-piena il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat kif ukoll it-tip ta' droga involuta hija tal-fehma li f' dan il-kaz ghandha takkorda lill-imputat il-beneficju tal-liberta' kondizzjonata.

## *Decide*

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati tal-akkuza (b) limitatament ghar-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** kif fuq indikat, a tenur tar-regolament 8 AL22/85; izda ***tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena*** a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap.152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat ta' dan il-provvediment.

Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

Inoltre tawtorizza lill-imputat jirtira mir-registru ta' din il-Qorti il-mobile phone (dok.JM).

*Dr.Noel Cuschieri*

*Magistrat*

I